MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 35/2004

**Michael Buhagiar**

**vs**

**Margaret Hampton f'isimha proprju u bhala prokuratrici tal-assenti Reverendu Joseph Buhagiar**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta' Michael Buhagiar, li permezz taghha, wara li ppremetta illi:

L-istanti u l-konvenuti huma ulied Carmelo Buhagiar u martu Maria nee' Cachia li mietu rispettivament fl-24 ta' April 1973 u fil-11 ta' Lulju 2001;

Carmelo Buhagiar miet inestat (Dok. A);

Maria Buhagiar, b’testment tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Settembru 1994 fl-Atti tan-Nutar Joseph Vella Agius, halliet bhala eredi lill-konvenuti, izda lill-istanti u lil Rosario Buhagiar hallitilhom biss il-porzjoni legittima (Dok. B);

Rosario Buhagiar, hu l-kontendenti, li kien guvni, miet fil-15 ta’ Lulju 1998, minghajr testment u minghajr ulied (Dok. C);

Il-konvenuta opponiet li l-esponent jiehu sehemu bhall-eredi ta’ missieru u legittimarju ta’ ommu, mill-assi ereditarju taghhom li jikkomprendi oggetti mobbli, inkluz deheb, hagar prezzjuz u oggetti ohra ta’ valur, kif ukoll flus, inkluzi pensjonijiet;

Tghid il-konvenuta ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tifforma u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ga’ ezistenti bejn l-imsemmijin Carmelo u Maria Buhagiar;

Taqsam il-komunjoni hekk likwidata f’zewg porzjonijiet li wahda minnhom tigi assenjata lill-assi tal-missier u l-ohra lill-assi tal-omm;

Tifforma u tillikwida l-assi tal-missier li jkun jikkonsisti f’sehemu tal-komunjoni fuq assenjat u fis-sostanzi partikolari tieghu;

Tifforma u tillikwida l-assi tal-omm li jkun jikkonsisti f’sehemha tal-komunjoni fuq assenjatu fis-sustanzi l-ohra partikolari taghha;

Tiddividi l-assi tal-missier hekk likwidat u tassenjah lill-kontendenti f’ishma indaqs;

Tillikwida l-porzjoni legittima spettanti lill-attur mill-assi tal-omm u tigi assenjata lilu, u r-rimanenti jinqasam indaqs bejn il-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tal-4 ta’ Ottubru 2001, 15 ta’ Ottubru 2001, 6 ta’ Novembru 2001, 24 ta’

Novembru 2001, 5 ta’ Jannar 2002, 22 ta’ Frar 2002, 15 ta’ Mejju 2002, 16 ta’ Awissu 2002, 11 ta’ Settembru 2003, u tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Gunju 2002, kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, li in forza taghha, eccepiet illi:

Id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur m’hijiex iffirmata mill-attur jew mill-avukat tieghu kif tirrikjedi l-ligi;

Bla pregudizzju ghas-sueccepit, id-“Dokument A” prezentat mal-att tac-citazzjoni m’huwiex l-ahjar prova kif tirrikjedi l-ligi dwar il-fatt li l-mejjet Carmelo Buhagiar miet intestat kif jinghad fit-tieni premessa;

Bla pregudizzju ghas-sueccepit, id-“Dokument C” prezentat mal-att tac-citazzjoni lanqas ma jikkostitwixxi xi forma ta’ prova skond il-ligi tal-allegazzjoni li Rosario Buhagiar miet intestat u minghajr ulied kif jinghad fir-raba’ premessa;

Bla pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu m’huwiex minnu u lanqas korrett li l-attur jallega li l-eccipjenti b’xi mod opponiet li l-attur jiehu sehemu mill-wirt ta’ missieru jew bhala legittimarju ta’ ommu kif jazzarda jallega fil-hames premessa tal-att tac-citazzjoni, stante illi fil-verita’, l-eccipjenti diversi drabi gja’ hadmet u uriet ruhha disposta li tkompli taddivjeni ghal-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni tal-ishma ereditarji tal-kontendenti mill-wirt “de quo” kif sejjer ikun ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti m’ghandha ebda opposizzjoni ghal-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni tal-ishma rispettivi li jmissu lill-kontendenti mill-assi ereditarji tal-mejta genituri taghhom Carmelo u Maria konjugi Buhagiar, kompriz il-parti tal-legittima li tmiss lill-attur mill-wirt tal-mejta Maria Buhagiar kif fuq inghad, ghaliex kien unikament b’tort ta’ irresponsabilita’ tal-attur stess kif fuq inghad li tali likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni baqghet ma sehhitx bonarjament u

ghalhekk ghandu jbati l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri kif ukoll tal-ittri legali tal-11 ta' Ottubru 2001, tat-12 ta' Novembru 2001, tat-12 ta' Jannar 2002, tas-27 ta' Marzu 2002, tat-22 ta' Lulju 2002 u tas-27 ta' Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti u l-verbali tas-seduti kollha inkluz dawk quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat is-sottomissjonijiet imressqa.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, Michael Buhagiar qieghed jitlob il-qasma tal-wirt ta' ommu u missieru. Huwa wiret lil missieru qua eredi, pero' mill-wirt ta' ommu huwa thalla biss is-sehem rizervat skond il-ligi.

Ghaldaqstant, l-ezercizzju li jehtieg illi taghmel din il-Qorti essenzjalment jinkludi l-identifikazzjoni tal-patrimonju taz-zewg gerituri u s-sussegwenti qasma tieghu.

<u>Wirt tal-missier</u>

Ma hemmx kontestazzjoni li l-fond 56, St. Sebastian Street, Qormi, kien l-uniku immobbli f'din l-eredita'. Jirrizulta illi fil-mori tal-kawza sar kuntratt bejn il-partijiet, li permezz tieghu, l-attur ittrasferixxa lil hutu sehemu mill-immobbli qua sehemu mill-wirt ta' missieru. Ta' dan huwa rceva s-somma ta' sebat elef u wiehed u tletin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm7031.25).

Li hemm kontestazzjoni dwarha hija kaxxa bid-deheb u hagar prezzjuz, stmata minn Sergio Zampa bil-valur ta' Lm855.25. Filwaqt li l-attur isostni li din kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn ommu u missieru, il-konvenuta tghid illi din kienet beni parafernali ta' ommha u sussegwentement ma kellux sehem minnha d-defunt missierha. Dwar din il-kaxxa bid-deheb jezisti ukoll bejn il-partijiet dizgwid peress illi din kienet imhollija lill-

konvenuta minn ommha bhala legat fit-testment redatt fl-1996, pero’ l-istess konvenuta ssostni li d-deheb kien ga inghata lilha sa minn sentejn qabel.

Ghar-rigward tal-kwistjoni tal-appartenza tad-deheb ghall-komunjoni tal-akkwisti, din il-Qorti tqis kredibbli l-verzjoni moghtija mill-konvenuta. Spjegat dettaljatament ix-xoghol ta’ senserija tad-deheb li kienet taghmel in-nanna materna taghha. Aktar minn hekk, il-Qorti taghti importanza l-fatt li l-qasma tad-deheb tal-missier kienet saret minghajr ma l-attur ghamel ebda rizerva dwar id-deheb tal-omm.

<u>Wirt tal-omm</u>

Jibqa’ biex jigi kunsidrat, in relazzjoni mad-deheb, il-fatt li l-istess thalla b’legat mill-omm lill-konvenuta odjerna, ezercizzju li jrid isir sabiex tigi stabbilita l-kwota rizervata favur l-attur.

“*620 (2) Is-sehem rizervat jigi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjez tal-funerali.*

*(3) Fl-assi jidhol dak kollu li minnu t-testatur, b’titolu gratuwitu, ukoll f’kontemplazzjoni ta’ zwieg, ikun iddispona favur ta’ xi hadd, minbarra l-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tfal jew dixxendenti ohra.*”

Jirrizulta illi t-testment gie redatt fis-sena 1996, is-sena meta l-omm giet rikoverata f’home. Il-konvenuta ssostni li d-deheb kien inghata sentejn qabel, bhala kumpens ghas-servigi rezi. Ingabu hafna provi fil-kawza li jsostnu dak li tghid il-konvenuta li ghamlet ma’ ommha. Ghalkemm hafna mill-provi jirreferu ghal zmien meta kienet ga rikoverata (u ghalhekk diga’ kien inghatalha d-deheb) jirrizulta illi tali servigi kienu ilhom snin jigu rezi lill-omm minn bintha. Ghaldaqstant, galadarba ma jigux meqjusa li inghataw titolu gratuwitu, m’ghandhomx jitqiesu ghall-fini tal-kalkolu tas-sehem rizervat.

Jibqa’, ghalhekk, sehem l-omm mill-immobbli. Ghalkemm qatt ma saret stima tal-fond, il-valur qieghed jigi kalkolat fl-ammont ta’ hamsa u erbghin elf Liri Maltin (Lm45,000).

Dan il-kalkolu qed isir abbazi tal-ammont li ha l-istess rikorrenti bhala sehemu mill-eredita' tal-missier. Sehem l-omm minn dan il-fond jammonta ghal tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u sitt Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm23,906.25) u cioe' 17/32, stante li l-omm kienet wirtet ukoll sehem binha li gie nieqes qabilha intestat u bla ulied. Jirrizulta mill-provi illi thallsu seba' mitt Liri Maltin (Lm700) bhala spejjez funerarji u seba' mija u erbgha u disghin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm794.60) bhala rifuzjoni lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Inghataw donazzjonijiet fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt Liri Maltin (Lm3500), dawn jizdiedu mal-assi a tenur tal-Artikolu 620(3). Minn dan, ghalhekk, jirrizulta li l-assi ereditarji tad-defunta li jghoddu ghal-kalkolazzjoni tas-sehem rizervat huma fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, disa' mija u hdax-il Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm25,911.65). Ghaldaqstant, it-terz spettanti lill-attur odjern huwa ta' tmint elef, sitt mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm8637.22). Jirrizulta ukoll, pero', illi l-attur ga thallas akkont ta' sehemu, is-somma ta' elfejn u hames mitt Liri Maltin (Lm2500). Ghalhekk jibqghalu jircievi s-somma ta' sitt elef, mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm6137.22) ekwivalenti ghal erbatax-il elf, mitejn u hamsa u disghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€14,295.87).

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

- Tiddikjara li l-assi ta' Carmelo Buhagiar kienu jikkonsistu biss f'nofs il-fond 56, St. Sebastian Street, Qormi, li minnu r-rikorrenti ga rcieva sehemu;

- L-assi tal-omm ghall-fini tal-kalkolu tas-sehem rizervat huma fil-valur ta' hamsa u ghoxrin elf, disa' mija u hdax-il Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm25,911.65);

- Il-porzjoni rizervata spettanti lil Michael Buhagiar mill-wirt ta' ommu tammonta ghal tmint elef, sitt mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm8637.22), li minnu huwa ga rceva elfejn u hames mitt Liri Maltin (Lm2500), jibqghalu ghalhekk jircievi sitt elf,

mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm6137.22);

– Tikkundanna lill-intimati jghaddu lir-rikorrenti s-somma ta' erbatax-il elf, mitejn u hamsa u disghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€14,295.87), ekwivalenti ghal sitt elef, mija u sebgha u tletin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm6137.22);

L-ispejjez relatati mat-talbiet dwar wirt tal-missier jinqasam bejn il-partijiet f'sehem ta' terz kull wiehed; u spejjez relatati mas-sehem rizervat ikunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------